32005D0025

L 15/8 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 19.1.2005

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Ġunju 2004

## li taħtar membru Żvediż tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

(2005/25/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Settembru 2002 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għall-perijodu bejn il-21 ta' Settembru 2002 sa l-20 ta' Settembru 2006 ([1]),

Billi post ta' membru f'dak il-Kumitat sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur Uno WESTERLUND, li dwarha l-Kunsill ġie informat fl-14 ta' Novembru 2002;

Wara li kkunsidra n-nominazzjoni ppreżentata mill-Gvern Svediż,

Wara li kiseb l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-Sur Thomas JANSON huwa b'dan maħtur bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali minflok is-Sur Uno WESTERLUND għall-bqija tal-mandat ta' dan ta' l-aħħar, li jgħodd sa l-20 ta' Settembru 2006.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar il-21 ta' Ġunju 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. WALSH

---

([1]) ĠU L 253, 21.9. 2002, p. 9.